# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 45**

**Rikors numru 787/15/1 AF**

**Francis E. Sullivan & Company Limited (C 353)**

**v.**

**M.V. Athos (IMO 9609756)**

1. Bejn Diċembru 2014 u April 2015 is-soċjeta` attriċi forniet lill-bastiment konvenut diversi prodotti li kellu bżonn l-ekwipaġġ tal-istess bastiment, liema prodotti kienu ġew ordnati mill-kumpanija estera International Catering Srl. Is-soċjeta` attriċi tikkontendi li International Catering Srl kienet qed taġixxi fuq struzzjonijiet tal-bastiment konvenut u li hija kienet biegħet il-prodotti in kwistjoni lill-bastiment. Għaldaqstant hija intavolat dawn il-proċeduri kontra l-bastiment konvenut permezz ta' liema qed titlob li l-istess jigi ordnat iħallas is-somma ta' €20,923.41, oltre

l-imgħax, rappreżentanti numru ta' fatturi maħruġa minnha li baqgħu ma ġewx imħallsa.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
> 2. Tiddikjara illi l-bastiment M.V. ATHOS huwa debitur tas-socjetà rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited ghas-somma ta' ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€20,923.41) ghal konsenja ta' diversi prodotti li kellu bzonn l-ekwipagg tal-istess bastiment;
> 3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut M.V. ATHOS sabiex ihallas lis-socjetà rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited is-somma ta' ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€20,923.41) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;
> Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri b'numru 1231/2015 u l-imghaxijiet kontra l-bastiment intimat li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

3. Il-bastiment konvenut eċċepixxa, *inter alia,* in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati Maltin stante li r-rekwiżiti kkontemplati fl-Artikolu 742D tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeżistux, li l-bastiment konvenut mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni, li International Catering Srl ma kienet bl-ebda mod aġent tal-bastiment jew is-sidien tiegħu u għalhekk ma setgħetx torbot lil bastiment jew lis-sidien tiegħu, li l-bastiment konvenut mhuwiex debitur tas-soċjeta` attriċi u t-talbiet attriċi huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-bastiment intimat u tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni in rem sabiex tisma u tiddeċiedi l-kawża. L-ispejjeż tal-kawza jithallsu mis-soċjetà attriċi."

5. Is-soċjeta` attriċi ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-21 ta' Frar 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-bastiment konvenut, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-istess bastiment.

6. Il-bastiment appellat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fil-25 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-aggravju tas-soċjeta` appellanti għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. Is-soċjeta` appellanti ssostni li l-Qrati Ċivili għandhom ġurisdizzjoni *in rem* sabiex jiddeċiedu dan l-appell billi s-sid tal-bastiment appellat M.V. Athos huwa debitur tas-soċjeta` appellanti. Is-soċjeta` appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li hija għandha xi tip ta' ftehim mal-kumpanija estera International Catering S.R.L. għaliex dan mhuwiex minnu, u għalhekk kienet żbaljata meta kkonkludiet li hija ma

jista' jkollha qatt azzjoni *in rem* kontra l-bastiment appellat. Tgħid li hija dejjem ikkunsidrat lill-kumpanija International Catering bħala aġent tal-bastiment u xejn aktar u għalhekk hija għandha azzjoni *in rem* kontra l-bastiment appellat u s-sidien tiegħu. Issostni li l-fatturi maħruġa minnha dejjem kienu indirizzati lejn il-bastiment appellat u għall-attenzjoni ta' International Catering S.R.L. bħala l-aġent tiegħu, u dan kif jirriżulta mill-fatturi annessi mar-rikors ġuramentat u l-affidavit ta' Alexander Sullivan. Tgħid li r-relazzjoni ġuridika li setgħet teżisti bejn is-sidien tal-bastiment u s-soċjeta` estera International Catering m'għandhiex awtomatikament torbot lis-soċjeta` appellanti u għalhekk din il-Qorti għandha teżamina kif aġġixxew il-partijiet. Tgħid li mill-kopji tal-fatturi u *delivery notes* jirriżulta li huwa l-bastiment appellat li huwa debitur tas-soċjeta` appellanti għaliex id-*delivery notes* huma ffirmati u ttimbrati mill-uffiċjali tal-bastiment appellat. Iżżid li kien ikun hemm komunikazzjoni diretta bejnha u bejn il-vapur dwar il-bżonnijiet tal-vapur, billi xi drabi l-vapur kien iżidilha l-ordnijiet u anke kien jintalab minnha xi ditti partikolari, u bħala eżempju ta' dan tagħmel referenza għal *email* datat 16 ta' Marzu 2015 fejn il-kaptan tal-bastiment appellat kien ordna *shampoo* ta' ditta partikolari. Tagħmel ukoll referenza għal skambju ta' *emails* li seħħ f'April 2015 fejn tgħid li l-*email* tal-Kaptan juri b'mod ċar il-kontroll li l-bastiment appellat kellu fuq l-ordnijiet direttament mas-sors u ċioe` s-soċjeta` appellanti, u li skont hi jsaħħu t-teżi tagħha li l-vapur kien jagħmel ordnijiet direttament magħha u kien juża lil International Catering bħala aġent, u żżid li mhux ta' b'xejn li l-bastiment appellat prova jisfilza dawn id-dokumenti.

8. Is-soċjeta` appellanti targumenta li mid-*Delivery Notes* jirriżulta li l-bejgħ tal-merkanzija kien suġġett għal “*latest ISSA Terms & Conditions”* u li waħda minn dawn il-kondizzjonijiet hija li fejn il-persuna li tkun għamlet l-ordni tkun qed taġixxi bħala aġent ta’ terza persuna, l-aġent, il-prinċipal u l-bastiment li ġie provdut bil-merkanzija huma kkonsidrati bħala l-“*Purchaser.”* Tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq il-ġurisprudenza li tgħid li *delivery note* hija biss prova tal-konsenja u xejn aktar għaliex tnejn mis-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti għadhom fi stadju ta’ appell u li fi kwalunkwe każ, a kuntrarju tas-sitwazzjoni f’dawk il-kawżi, f’dan il-każ m’hemm l-ebda kuntratt li jirregola r-relazzjoni tal-partijiet. Tgħid li malli rappreżentant tal-bastiment iffirma *delivery note* dan rabat l-istess bastiment mat-termini u kondizzjonijiet tal-ISSA, skont liema l-bastiment huwa kkonsidrat ukoll bħala xerrej *in solidum*.

9. L-appellanta ssostni li mill-atti ta’ din il-kawża ma tirriżulta l-ebda prova li turi li l-bastiment appellat jew is-sidien tiegħu għamlu l-ħlasijiet lil International Catering, u żżid li fi kwalunkwe każ dan ma jeżonerax lill-bastiment appellat mill-obbligi ta’ ħlas. Dwar il-fatt li hija diġa` ottjeniet sentenza kontra International Catering u issa qed tagħmel din il-kawża kontra l-bastiment ukoll, tgħid li bis-saħħa tat-termini u kondizzjonijiet ta’ ISSA hemm solidarjeta` għall-ħlas bejn International Catering, il-bastiment u sid il-bastiment, fid-dawl tal-Artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li hemm solidarjeta` fejn din tkun miftehma espressament. Iżżid

li bis-saħħa tal-Artikolu 1096 tal-Kodiċi Ċivili hija għandha l-għażla li tipproċedi kontra min mid-debituri trid sabiex tirkupra l-flus dovuti lilha, u għalhekk għandha kull dritt li tintavola dawn il-proċeduri kontra l-bastiment appellat. Tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-bastiment appellat ma kienx marbut li jsegwi l-kondizzjonijiet ta' ISSA għaliex ma ngħatax kopja tagħhom, għaliex id-*delivery note* tgħid proprju li "*copy available on request.*" Issostni li l-kaptan jew min iffirma d-*delivery note* setgħu faċilment staqsew għal kopja ta' dawn il-kondizzjonijiet, u li fi kwalunkwe każ, fil-mument li ffirmaw dawn id-*delivery notes* huma ssoġġettaw il-bastiment appellat għall-kondizzjonijiet tal-istess *delivery note* u ħolqu relazzjoni ġuridika bejnha u bejn il-bastiment.

10. Il-bastiment appellat jirribatti li l-Ewwel Qorti analizzat b'mod dettaljat u bir-reqqa x-xhieda u d-dokumenti kollha u tat ir-raġunijiet kollha għalfejn waslet għall-konklużjoni tagħha li l-verżjoni tal-attriċi mhijiex sostenibbli, u m'hemm l-ebda raġuni valida sabiex dan l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti jinbidel minn din il-Qorti. Targumenta li sabiex il-Qorti jkollha ġurisdizzjoni *in rem* fir-rigward ta' pretensjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 742B(d) sa (y), iridu wkoll jiġu sodisfatti r-rekwiżiti legali taħt l-Artikolu 742D tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid li l-persuna responsabbli *in personam* għall-allegat kreditur tas-soċjeta` appellanti hija s-soċjeta` International Catering li f'isimha proprju xtrat il-provvisti mingħand is-soċjeta` appellanti, u din is-soċjeta` qatt ma kienet is-sid jew in-noleġġatur tal-bastiment appellat u qatt ma kellha fil-pussess jew taħt

il-kontroll tagħha l-istess bastiment, u għalhekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 742D mhumiex sodisfatti f'dan il-każ.

11. Il-bastiment appellat jgħid li mill-provi li ġew prodotti f'din il-kawża jirriżulta li International Catering dejjem aġixxiet f'isimha u qatt ma ddikjarat jew tat l-impressjoni li kienet qiegħda taġixxi f'isem is-sidien tal-bastiment appellat, u s-soċjeta` appellanti kienet taf b'dan ikkonsidrat li kienet fetħet kawża proprju kontra International Catering, li għandha n-numru ta' referenza 651/2015JZM. Dwar id-*delivery notes* li għalihom tagħmel referenza s-soċjeta` appellanti tgħid li skont il-ġurisprudenza dawn huma biss prova tal-konsenja u l-firma fuq id-*delivery note* ma tista' qatt torbot lill-kaptan jew lis-sidien tal-istess bastiment bħala parti minn negozju li jkun sar bejn partijiet oħra. Dwar l-iskambju ta' *emails* li ssemmi s-soċjeta` appellanti u li tgħid juri li l-bastiment kien jagħmel xi ordnijiet diretti, il-bastiment appellat isostni li mill-provi jirriżulta li x-xhud Sabrina Grima mmanipulat dawn l-*emails* mill-kaptan sabiex tagħti stampa kompletament differenti mir-realta`.

12. Il-bastiment appellat jkompli jargumenta li s-sidien tiegħu kellhom kuntratt ma' International Catering, skont liema International Catering kellha l-obbligu li tinnegozja mal-fornituri lokali u kienet tagħmel dan f'isimha proprju u mhux bħala aġent tas-sidien jew tal-bastiment tant li huma ma kinux ikunu jafu mingħand min xtrat International Catering. Jgħid li l-kaptan u/jew is-sidien tal-bastiment qatt ma kkomunikaw mas-

soċjeta` appellanti biex jagħmlu xi ordnijiet ġodda jew biex jixtru provvisti diretti u l-uniku kuntatt kien fl-iffirmar tad-*delivery notes*. Tagħmel referenza għax-xhieda ta' Alexander Sullivan tal-10 ta' Ottubru 2019 li kkonferma li l-bastiment qatt ma kien jingħata prezzijiet u li dawn kienu dejjem jingħataw lil International Catering u li r-rendikont tagħhom dejjem kien jgħajjat lil International Catering, u li d-dokumenti li kienu ġew esebiti mill-istess xhud (immarkati FSX1 u FSX2) juri li l-ordnijiet kienu ġew mingħand International Catering li kienet talbet li l-fatturi joħorġu f'isimha u li d-*delivery notes* jingħataw lill-bastiment mingħajr prezzijiet, u li la l-kaptan u lanqas is-sidien ma kienu parteċipi f'dan in-negozju tant li lanqas biss kienu *in copy* fil-korrispondenza. F'dan ir-rigward tagħmel referenza għall-Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili skont liema kuntratt ta' bejgħ huwa perfett malli jsir ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għadha ma ġietx ikkonsenjata u lanqas ma jkun għadu tħallas il-prezz, u dan huwa dak li ġara f'dan il-każ tant li l-bastiment appellat u s-sidien tiegħu lanqas ġew provduti prezzijiet tal-provvisti u dan fuq struzzjonijiet tas-soċjeta` International Catering stess.

13. L-appellat ikompli billi jargumenta li mhuwiex minnu li International Catering kienet qiegħda taġixxi bħala aġent tal-bastiment jew is-sidien tiegħu għaliex skont il-ftehim konkluż bejn is-sidien tal-bastiment u International Catering, International Catering ma setgħetx taġixxi f'isem is-sidien u kellha dejjem tikkuntratta mal-fornituri tagħha f'isimha proprju u tagħmel referenza għax-xhieda ta' Alex Sullivan li qal li ma jiftakarx li

International Catering iddikjarat li kienet qed taġixxi bħala aġent tal-bastiment jew is-sidien tiegħu u li kienu huma li assumew li International Catering kienet qed tirrappreżenta l-bastiment. Targumenta li hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, u għalhekk is-soċjeta` appellanti ma tistax tippretendi li jitqies li International Catering kienet qed taġixxi għan-nom tal-bastiment la l-istess soċjeta` qatt ma indikat ruħha b'xi mod bħala l-aġent. Jgħid li l-provi juru b'mod inekwivoku li s-soċjeta` International Catering kienet qed taġixxi f'isimha proprju u dan ikkonsidrat li l-fatturi kollha kienu ndirizzati lil International Catering u jintbagħtu lilha, ir-rendikonti relattivi tas-soċjeta` appellanti jgħajtu lil International Catering biss, il-bastiment u s-sidien tiegħu qatt ma kienu kkupjati fil-korrispondenza u qatt ma kienu jintbagħtu lilhom kopji tal-fatturi u International Catering stess talbet lis-soċjeta` appellanti biex tindirizza l-fatturi lilha f'isimha proprju.

14. Jgħid ukoll li l-pretensjoni attriċi f'din il-kawża hija konfliġġenti għall-aħħar mat-talbiet tagħha stess magħmula kontra International Catering fil-kawża li fetħet kontra tagħha bin-numru 651/2015JZM u li fiha ottjeniet dikjarazzjoni kontra International Catering li hija fil-fatt id-debitriċi tagħha. Tgħid li fil-korrispondenza bejn is-soċjeta` appellanti u International Catering, is-soċjeta` appellanti ngħatat struzzjonijiet ċari minn International Catering biex kull fattura turi "*our P.O. number, your invoice number, date and payment terms, name of the Vessel and Port.*" Tgħid li

l-isem tal-bastiment jiġi ndikat fuq il-fattura biss bħala referenza għall-konsenja li saret u dejjem jitniżżel fuq kull fattura u dan ma jfissirx li l-bastiment huwa d-debitur jew ix-xerrej tal-provvisti. Iżid li l-kopja tar-rendikonti kollha li ġew preżentati juri li dawn kienu indirizzati biss lis-soċjeta` xerrejja International Catering, u jżid li l-fatturi lanqas biss qatt kienu jintbagħtu lil bastiment jew lis-sidien tiegħu, fatt li huwa kkonfermat minn Alexander Sullivan fix-xhieda tiegħu tad-9 ta' Frar 2021. Dwar l-allegat involviment tal-kaptan tal-bastiment fl-ordnijiet jgħid li huwa assurd li għaliex il-kaptan ikkomunika mas-soċjeta` appellanti wara l-konsenja tal-provvisti minħabba li kien hemm xi affarijiet neqsin, ifisser li l-kaptan sar parti minn dak il-kuntratt. Iżid li s-soċjeta` appellanti qed tkun żleali meta tonqos milli tikkjarifika li r-rikjesti tal-kaptan li għalihom tagħmel referenza kienu saru fir-rigward ta' prodotti diġa ordnati mis-soċjeta` International Catering u li hija naqset milli tikkonsenja, u fil-fatt il-kaptan stess kien kiteb li ma kienx qiegħed jitlob provvisti addizzjonali. Fir-rigward tal-*email* tal-kaptan li s-soċjeta` appellanti tgħid li juri li l-kaptan kien qiegħed jordna *shampoo* ta' ditta partikolari tgħid li mid-dokument a *fol.* 62 tal-proċess jirriżulta li dawn il-fliexken ta' *shampoo* kienu diġa ġew ordnati minn International Catering qabel ma ntbagħat dan l-*email* mill-kaptan u mid-*delivery note* tal-10 ta' Marzu 2015 a *fol* 70 jidher li s-soċjeta` appellanti kienet naqset milli tikkonsenja dawn il-fliexken peress li l-entratura relevanti ġiet imħassra. Tgħid li dan allura għandu jwassal għall-konklużjoni inekwivoka li f'dak l-*email* il-kaptan kien

qiegħed biss jikkonferma li s-soċjeta` appellanti setgħet tmur tforni dawn l-affarijiet li kienu nieqsa mill-konsenja li kienet saret fl-10 ta' Marzu 2015.

15. Fir-rigward tal-argument tas-soċjeta` appellanti li s-sidien tal-bastiment għandhom jitqiesu li huma debituri *in solidum* għaliex il-kaptan ittimbra jew iffirma *delivery notes* li fuqhom hemm miktub li l-bejgħ huwa suġġett għat-termini u kondizzjonijiet tal-ISSA jgħid li skont il-ġurisprudenza *delivery note* hija biss prova ta' konsenja u ma tikkostitwix kuntratt fiha nnifisha u li għaldaqstant żgur ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 742D(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sempliċiment għaliex ġiet iffirmata mill-kaptan. Iżid li mill-provi jirriżulta li l-bastiment lanqas biss qatt ingħata kopja ta' dawn it-termini u kondizzjonijiet u għalhekk huwa żgur li l-firma tal-kaptan fuq id-*delivery note* ma tista' qatt tfisser li s-sidien tal-bastiment saru parti kontraenti fin-negozju ta' bejn is-soċjeta` appellanti u International Catering. Iżid li fi kwalunkwe każ dawn it-termini u kondizzjonijiet jirrigwardaw il-bejgħ u għalhekk jorbtu biss lil International Catering peress li l-provvisti ġew mibjugħa mis-soċjeta` appellanti lil International Catering, u l-bastiment u s-sidien tiegħu huma kompletament estranei għal dan il-bejgħ.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' kreditu. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-bastiment intimat iħallas is-somma ta' €20,923.41. Dan huwa l-bilanċ dovut għall-provvista ta' prodotti konsenjati lill-bastiment.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjeta` attriċi hija fornitur ta' prodotti lill-bastimenti. Jidher li l-attriċi kellha ftehim ma' soċjetà estera bl-isem ta' International Catering Srl għall-provvista ta' dawn il-prodotti lil ċertu bastimenti meta jidħlu Malta, inkluż il-bastiment intimat. L-attriċi ma pprovdiet l-ebda informazzjoni dwar il-ftehim li kellha ma' International Catering Srl iżda mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-ftehim ta' bejniethom kien illi għall-provvista ta' dawn il-prodotti lill-bastiment intimat, kellha tħallas International Catering Srl. Abbażi ta' dan il-ftehim, bejn Diċembru 2014 u April 2015 l-attriċi kkonsenjat diversi prodotti lill-bastiment intimat.

Il-bastiment intimat ukoll kellu ftehim ma' International Catering Srl u fil-fatt il-partijiet kienu ffirmaw Agreement for Vitualling Services and Consumables li kopja tiegħu tinsab esebita fl-atti. Skont dan il-kuntratt, International Catering Srl kellha tforni lill-bastiment bi prodotti u l-ħlas kellu jsir mis-sidien tal-bastiment lil International Catering Srl skont kif maqbul. Il-kuntratt kien jistipula wkoll li l-fornituri tal-prodotti kellhom ikunu appuntati direttament minn International Catering Srl u li l-ħlas lil dawn il-fornituri kellu jsir ukoll minn International Catering Srl.

Konsegwentement, l-attriċi kienet tieħu ħsieb illi tikkonsenja l-prodotti lill-bastiment intimat. Xi persuna mill-ekwipaġġ tal-bastiment kien jiffirma delivery note ma kull konsenja. Fuq kull delivery note kien ikun hemm miktub li 'Goods remain property of F.E. Sullivan until paid. All sales subject to the latest ISSA Terms & Conditions copy available on request.'

L-attriċi, li tallega li International Catering Srl kienet qed taġixxi bħala agent tal-bastiment intimat, tispjega li skont ir-regolamenti maħruġa mill-International Shipsuppliers and Services Association (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'ISSA'):

"Purchaser shall mean the person placing an order in respect of Goods or Services and where such person acts as agent of or otherwise for a third party ("the Principal") and the Vessel to which Goods or Services are provided shall jointly and severally be the Purchaser."

International Catering Srl llum il-ġurnata tinsab fi stat ta' falliment u għalkemm l-attriċi pproċediet kontriha u ġiet kanonizzata kreditriċi tagħha, baqgħet qatt ma rkuprat l-ammont dovut lilha u għaldaqstant, ipproċediet kontra l-bastiment intimat.

Da parti tiegħu, il-bastiment intimat jeċċepixxi preliminarjament li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni in rem tisma u tiddeċiedi t-talbiet attriċi taħt il-Kapitolu 12 u l-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta.

A tenur tal-artikolu 742D tal-Kap. 12:

"Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra –

(a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur;

(b) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."

Fost il-każijiet li jissemmew fl-artikolu 50 tal-Kap. 234 insibu:

"(m) il-flus li jkollhom jieħdu il-kredituri għal proviżjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu:

Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;"

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti f'din il-kawża u tqis illi l-bastiment intimat għandu raġun f'din l-eċċezzjoni tiegħu stante li:

- Il-persuni responsabbli fi pretensjoni għall-azzjoni in persona mhumiex is-sidien tal-bastiment u lanqas il-persuna li kellha taħt il-kontroll tagħha l-bastiment u

- Id-dejn in kwistjoni lanqas ma kien magħmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan jew minn mandatarju tas-sid.

Kif diġà ntqal, is-soċjetà attriċi daħlet fi ftehim ma' International Catering Srl li da parti tagħha daħlet fi ftehim distint u separat mal-bastiment intimat. Għalkemm l-attriċi tipprova tikkonvinċi lill-Qorti li International Catering Srl kienet qed taġixxi bħala aġent jew mandatarju tal-bastiment intimat, minn imkien ma jirriżulta li dan huwa minnu. Alexander Sullivan in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi xehed illi fil-fatt huwa ma jiftakarx jekk International Catering Srl kinux iddikjaraw li qed jaġixxu bħala aġenti tal-bastimenti.

Mill-provi rriżulta li l-maġġor parti tal-ordnijiet għall-bastiment intimat kienu jiġu mingħand International Catering Srl iżda kif spjegat Sabrina Grima, impjegata mal-attriċi, ġieli kienu jikkomunikaw mal-bastiment direttament minħabba l-volum tax-xogħol. Madanakollu, huwa evidenti li s-soċjetà attriċi qatt ma kienet taħt l-impressjoni li International Catering Srl kienet l-aġent tal-bastiment intimat u fil-fatt International Catering Srl dejjem kienet tagħmilha ċara mas-soċjetà attriċi illi l-kontijiet għandhom jintbagħtu lilha u mhux lis-sidien tal-bastiment. Fil-fatt, id-delivery notes ma kienux jinkludu prezzijiet fuqhom.

Inoltre jirrizulta mill-e-mail tas-6 ta' April 2015 mibghuta mingħand Sabrina Grima lill-kaptan tal-bastiment intimat li l-attriċi kienet tesigi konferma mingħand International Catering Srl qabel ma taċċetta ordnijiet għall-prodotti addizzjonali mingħand l-ekwipaġġ direttament. Altru milli allura l-attriċi kienet taħseb li International Catering Srl kienet sempliċiment aġent tal-bastiment. Fil-fatt l-attriċi oriġinarjament ipproċediet kontra International Catering Srl iżda baqgħet ma tħallsitx u allura issa qed tipprova tirkupra flusha mingħand is-sidien tal-bastiment intimat.

Il-ftehim li kellha l-attriċi ma' International Catering Srl huwa res inter alios acta għall-bastiment intimat. L-istess jingħad dwar il-kuntratt li kellu l-bastiment intimat ma' International Catering Srl.

Dan il-prinċipju huwa rifless fis-segwenti artikoli tal-Kap. 16:

"992 (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom;" u

"1001. Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi."

L-attriċi targumenta wkoll illi l-bastiment intimat intrabat li joqgħod għar-regoli tal-ISSA u li fil-fatt il-kaptan kien jiffirma d-delivery notes kollha li kienu jagħmlu riferenza għall-applikabbiltà ta' dawn ir-regoli għal kull bejgħ. Madanakollu, il-bastiment intimat qatt ma kien parteċipi fil-kuntratt ta' bejgħ bejn l-attriċi u International Catering Srl iżda sempliċiment kien jaċċetta l-kunsinna tal-prodotti u mhux joqgħod għall-kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali li l-attriċi kienet tagħżel li tikteb fuq id-delivery notes. Ta' min isemmi wkoll illi l-attriċi kienet tuża l-istess delivery notes għal kulħadd.

Kif irriteniet proprju din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Cassar Fuels Limited vs Alpha Trading SpA fejn kienet qed tiġi wkoll deċiża eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'azzjoni kontra bastiment in rem:

"Illi rigward il-Bunker Delivery Note, kif sottomess mill-bastiment kjamat in kawza, l-firma tac-Chief Engineer fuq il-Bunker Delivery Note (BDN) m'hija xejn hlief prova tal-konsenja, u ma tistax titqies bhala prova illi l-bastiment jew sid tieghu huma kontraenti fi ftehim ta' bejgh u xiri mas-socjetà rikorrenti.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni f'dan is-sens u cioè s-sentenza fl-ismijiet Dr. Cedric Mifsud noe vs Il-Bastiment M.Y. Vicky tas-6 ta' Marzu 2017, fejn din il-Qorti diversament presjeduta irrilevat illi:

"Dwar id-delivery notes l-fatt li d-delivery notes gew iffirmati minn rapprezentanti tal-bastiment ma jrendix il-bastiment partecipi fin-negozjati bhala kontraenti. Id-delivery note fih innifsu huwa biss prova tal-konsenja."

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet Cassar Fuel Limited vs Il-Bastiment bl-isem UNLU 5 li ghandu IMO numru 9334415 deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Marzu 2018 intqal illi:

"delivery note" tigi iffirmata mal-konsenja tal-prodott ma jfissirx li dan awtomatikament irendi lill-bastiment in dizamina partecipi fin-negozju bhala wiehed mill-kontraenti;

Illi ghandu jkun pacifiku li "delivery note" fiha nnifisha hi biss prova tal-konsenja;

Illi kuntrarjament ghal dak li qed issosstni is-socjeta` rikorrenti, dan ma jfissirx li b'daqshekk inholqot relazzjoni guridika bejn il-partijiet f'din il-procedura;

Illi ghalhekk f'dan il-kaz tali firma tal-Kaptan tal-bastiment intimat tfisser biss li hu qieghed jaccetta li z-zejt de quo gie ikkonsenjat lilu;"'

Il-Qorti taqbel ma' din il-linja ġurisprudenzjali u ma tarax li hemm lok li żżid wisq aktar mal-prinċipji suesposti li tikkondividi. Alexander Sullivan jispjega li d-delivery notes kienu importanti sabiex l-attriċi jkollha konferma li l-prodotti ġew ikkonsenjati lill-bastiment. Il-fatt illi skont id-delivery note il-konsenja kienet qed isir skont ir-regoli tal-ISSA ma jfissirx illi l-bastiment intimat sar responsabbli għall-hlas tal-prodotti forniti kif tikkontendi s-soċjetà attriċi. L-ewwel nett, kopja ta' dawn ir-regoli ma jidhirx li qatt ġiet annessa ma xi delivery note u ffirmata għan-nom tal-bastiment. Di più huwa evidenti li l-ebda persuna ma tista' tiġi soġġetta għall-obbligi kontrattwali li ghalihom hija estranea.

Fuq kollox il-bastiment intimat qatt ma kien parteċipi fin-negozju ta' bejgħ tal-prodotti bejn l-attriċi u International Catering Srl u allura żgur illi ma tistax torbtu din id-dikjarazzjoni unilaterali tal-

attriċi fuq id-delivery note. L-ekwipaġġ sempliċiment kien qed jaċċetta l-kunsinna tal-prodotti u kwalunkwe kundizzjoni li titkellem dwar il-kuntratt ta' bejgħ hija res inter alios acta għall-bastiment intimat."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

17. Permezz ta' din il-kawża l-attrici qed titlob ħlas mingħand il-bastiment konvenut ta' merkanzija, konsistenti f'ikel u prodotti għall-użu tal-ekwipaġġ, li hija tgħid li biegħet lilu wara li ġie ordnat mis-soċjeta` International Catering bħala aġent tal-istess bastiment. Il-bastiment konvenut jiddefendi ruħu billi jgħid li International Catering ma kinitx qed taġixxi bħala aġent tiegħu jew tas-sidien tiegħu u li peress li la hu u lanqas is-sidien tiegħu m'huma debituri tas-soċjeta` attriċi allura l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni *in rem*. Mhuwiex kontestat mill-partijiet li l-Artikolu 742D tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa applikabbli f'dawn il-proċeduri. Għalhekk, sabiex dawn il-Qrati jkollhom ġurisdizzjoni *in rem* jeħtieġ li jirriżulta li l-persuna responsabbli għall-pretensjoni tal-attriċi *in personam* kienet sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment kemm fiż-żmien meta nħolqot il-kawża li tat lok għall-proċeduri ġudizzjarji u kemm meta jkunu ġew intavolati dawk il-proċeduri. L-attriċi ssostni li dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt għaliex International Catering kienet ordnat il-merkanzija in kwistjoni bħala aġent tal-bastiment jew is-sidien tiegħu, u li fi kwalunkwe każ meta l-Kaptan iffirma d-*delivery notes* huwa rabat lill-bastiment u s-sidien tiegħu bit-termini u kondizzjonijiet tal-ISSA u skont dawk il-

kondizzjonijiet anke l-bastiment u s-sidien tiegħu huma kkonsidrati bħala debituri tagħha.

18. Wara li eżaminat il-provi prodotti mill-partijiet, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ma jirriżultax li International Catering kienet qed taġixxi bħala aġent tal-bastiment jew is-sidien tiegħu meta kienet tordna merkanzija mingħand l-attriċi. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li hija inverosimili l-verżjoni attriċi li hija dejjem kienet taħt l-impressjoni li x-xerrej u allura d-debitur tagħha kien il-bastiment konvenut u mhux International Catering u dan ikkonsidrat li fil-kawża ntavolata minnha kontra International Catering fis-6 ta' Lulju 2015 (Rik. Ġur. 651/2015JZM) hija stess iddikjarat bil-ġurament "[i]lli mis-sena 2011 lil hawn is-soċjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited issuplixxiet diversi provisti tal-ikel lil diversi bastimenti, u dan fuq struzzjonijiet tal-istess soċjeta` intimata International Catering SRL" u telenka lill-bastiment konvenut bħala wieħed mill-bastimenti msemmija. Fl-istess rikors ġuramentat kontra International Catering l-attriċi ddikjarat li hija kienet ħarġet fatturi lil International Catering, u mhux lill-bastiment konvenut kif qed tikkontendi f'dawn il-proċeduri, u li International Catering hija debitriċi tagħha, u dan minkejja li f'dan l-appell targumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li kien hemm relazzjoni ġuridika bejnha u bejn International Catering.

19. Fi kwalunkwe każ, anke jekk kellha tiġi aċċettata bħala veritiera t-teżi tal-attriċi li l-ħsieb tagħha kien li International Catering kienet qed taġixxi a nom tal-bastiment konvenut, min jallega l-ezistenza tal-mandat għandu l-oneru fuqu li jipprovah.[1] Il-prinċipju abbraċjat fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati huwa li:

> " hija haga mill-ewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkonmbi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Trolong mandato no. 50.)"[2]

20. Il-Qorti tqis li mill-provi assolutament ma jirriżultax li International Catering kienet qed taġixxi bħala aġent tal-bastiment jew tas-sidien tiegħu kif tikkontendi l-attriċi. L-ewwel nett, għalkemm l-attriċi ssostni li International Catering kienet iddikjarat li hija kienet qed taġixxi bħala aġent tal-bastiment, l-ebda kopja ta' xi *email* jew skambju ta' korrispondenza ma ġie prodott minnha sabiex jikkorrobora dan. Għalkemm Alexander Sullivan iddikjara b'ċertezza fl-affidavit tiegħu li International Catering kienet qalet dan, meta ġie mistoqsi in kontro-eżami huwa kien evażiv u qal li ma jiftakarx jekk International Catering kinitx fil-fatt għamlet dikjarazzjoni bħal din.

[1] Ara per eżempju, **Carmen Aquilina et v. Edgar Ellul et** (Appell, 17/03/2003).
[2] **Air Malta Company Limited v. Richard Muscat et** (Prim'Awla, 28/02/2001).

21. Inoltre, il-Qorti tqis li huwa infondat l-argument tal-attriċi li mill-korrispondenza li ġiet prodotta jirriżulta li l-kaptan kellu kontroll fuq dak li kien jiġi ordnat. F'dan ir-rigward l-attriċi preżentat żewġ *emails* mibgħuta mill-Kaptan tal-bastiment konvenut Catalin Nicolae, waħda mibgħuta fis-6 ta' April 2015 (*fol.* 341) u oħra fis-16 ta' Marzu 2015 (*fol.* 342). Dawn l-*emails* pero` bl-ebda mod ma juru li l-Kaptan kellu xi kontroll fuq l-ordnijiet li kienu jsiru jew li kien jikkomunika direttament mal-attriċi sabiex iżid mal-ħwejjeġ ordnati minn International Catering. Fil-fatt, fl-*email* tas-6 ta' April 2014 il-Kaptan stess kiteb li "*We are not asking about any additional items"* u minn qari tal-*email* jirriżulta manifestament li l-Kaptan kien qiegħed jikkomunika mal-attriċi biss fir-rigward ta' oġġetti ordnati minn International Catering li ma kinux ġew konsenjati mill-attriċi. Dwar l-*email* tas-16 ta' Marzu 2015 il-Qorti tirrileva li huwa ċar li din l-*email* kienet parti minn skambju ta' korrispondenza ikkonsidrat li l-Kaptan kiteb "**<u>Yes please</u>** proceed with Head & Shoulders" [enfażi ta' din il-Qorti]. Peress li l-attrici ma esebietx l-iskambju ta' korrispondenza sħiħ mhuwiex ċar x'kienet il-*kwistjoni* li wasslet sabiex il-Kaptan jibgħat dan l-*email*. Li hu żgur huwa li din l-*email* bl-ebda mod ma jikkostitwixxi prova li l-Kaptan kien ordna *shampoo* ta' ditta partikolari kif targumenta l-attriċi. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li mill-*invoice* numru 0238/15 tal-10 ta' Marzu 2015 (*fol.* 188) jirriżulta li kienu ġew ordnati għaxar flixkien ta' *shampoo* ta' din id-ditta, u għalhekk ma jidher li kien hemm l-ebda raġuni għall-Kaptan biex jagħmel xi ordni mal-attriċi għal *shampoo* ta' din id-ditta kif tikkontendi li għamel.

22. Il-Qorti tkompli billi tosserva li l-fatt li d-*delivery notes* huma ttimbrati u ffirmati mill-kaptan jew membru tal-ekwipaġġ tal-bastiment konvenut ma jfissirx awtomatikament li l-kompratur kien il-bastiment kif tikkontendi l-attriċi. Dan il-fatt ifisser biss li l-merkanzija ġiet ikkonsenjata lill-bastiment, fatt li mhuwiex ikkontestat mill-partijiet. Fil-fatt jidher li l-konsenja kienet issir direttament lill-bastiment fuq struzzjonijiet ta' International Catering, li wkoll tat struzzjonijiet lill-attriċi sabiex ma tinkludix prezzijiet fid-dokumentazzjoni li kienet tgħaddi lill-bastiment. Il-Qorti taqbel mal-bastiment konvenut li l-indikazzjoni tal-bastiment konvenut fuq id-*delivery notes* mhijiex prova ċara li kien il-bastiment li kien il-klijent tal-attriċi, u dan partikolarment ikkonsidrat li jirriżulta li kienet International Catering stess li tat struzzjonijiet lill-attriċi sabiex tindika l-bastiment u l-port relattiv għall-ordni. Huwa ċar li l-indikazzjoni tal-vapur kienet neċessarja sabiex iż-żewġ partijiet ikunu jafu għal liema vapur jirreferi l-ordni u ma jkun hemm l-ebda dubju dwar fejn għandu jiġi kkonsenjat l-ordni. Fil-fatt, ir-rendikonti maħruġa mill-attriċi huma manifestament indirizzati lil International Catering biss u mhux lill-bastiment konvenut. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi ma jirriżultax pruvat dak argumentat mill-attriċi, u ċioe` li International Catering kienet qed taġixxi biss bħala aġent u li allura l-bastiment u s-sidien tiegħu huma d-debituri tagħha.

23. L-attriċi targumenta fi kwalunkwe każ hija tista' tressaq din il-pretensjoni kontra l-bastiment għaliex meta l-Kaptan iffirma d-*delivery notes* huwa rabat lill-bastiment u s-sidien tiegħu bit-termini u kondizzjonijiet tal-ISSA, skont liema l-bastiment u s-sidien tiegħu huma wkoll meqjusa bħala x-xerrejja fin-negozju in kwistjoni u huma debituri solidali flimkien ma' International Catering. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-kondizzjonijiet tal-ISSA jiddefinixxu "*vendor*" bħala "*the ISSA member contracting to supply the goods in reliance upon these Conditions.*" L-attriċi pero` ma ressqet l-ebda prova li fiż-żmien relevanti hija kienet membru tal-ISSA u li għalhekk hija "*vendor*" għall-finijiet u l-effetti ta' dawn il-kondizzjonijiet. Inoltre, it-terminu "*Purchaser*" ifisser skont dawn il-kondizzjonijiet "*the person placing an order in respect of the Goods and where such person acts as agent of or otherwise for a third party (principal), such person and the principal and the vessel on whose behalf the Goods are ordered jointly and severally.*" Għalhekk anke biex tkun tista' tapplika favur tagħha dawn il-kondizzjonijiet kien jeħtieġ li l-attriċi turi li International Catering kienet qed taġixxi bħala agent jew b'xi mod bħala mandatarja tas-sidien jew tal-bastiment bħala principal tagħha. Kif diġa` ġie spjegat pero`, l-attriċi assolutament ma għamlitx dan. Għaldaqstant huwa ċar li fi kwalunkwe każ il-kondizzjonijiet tal-ISSA proposti minnha m'huma tal-ebda għajnuna għall-pretensjoni tagħha, u dan anke lil hinn mill-kwistjoni dwar jekk *delivery note* tistax tammonta għal aktar minn prova ta' konsenja.

24. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell tal-attriċi huwa infondat fl-intier tiegħu u minn dan isegwi li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr